**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 22 ta' Mejju 2024**

Rikors Numru: 123/24 AL

A B

vs

C D

(M.R. Numru 1936/73)

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. Illi l-partijiet kienu nghaqdu fiz-zwieg nhar nhar it- nhar it-19 ta' Awwissu tas-sena 1973 kif jirrizulta mill-anness certifikat markat Dok A;

2. Illi l-partijiet isseparaw de facto minn April tas-sena 2019 u ghalhekk ilhom de facto separati ghal aktar minn erba snin u nofs.

3. Illi l-istess partijet isseparaw legalment minn ma xulxin in forza ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dr. Sylvana Borg Caruana datat 16 ta' Gunju 2022 hawn anness markat Dok B;

4. Illi l-istess att pubbliku gie redatt aktar minn sena u tmien xhur ilu u ghalhekk l-istess partijiet ilhom separati minn ma xulxin ghal aktar zmien minn dak li jiddetermina l-Artikolu 66B tal-Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta sabiex jkun jista jigi ppronunzjat il-hall taz-zwieg;

5. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li ilhom separati dan iz-zmien kollu u inoltre z-zewg partijiet qed ighixu hajja indipendenti minn ma xulxin (DOKC);

6. Illi ma tezisti ebda problema ghal hlas ta' alimenti peres li l-partijiet irrinunzjaw definittinvament u irrevokabbilment ghad-dritt li jitolbu manteniment minghand xulxin. Filwaqt li t-tfal li miz-zwieg issa huma maggoreni u ghandhom l-familji taghhom u ghalhekk ma hemmx u qatt ma kien hemm kwistjonijiet ta manteniment.

7. Illi l-fatti hawn fuq imsemmija huma sufficcjenti sabiex jissoddisfaw l-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-otteniment tad-Divorzju ai termini tal-Artikolu 66B Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta Malta.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien stipulat mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet halli dan l-istat ikun jista jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimata li permezz taghha tesponi:

Illi l-esponenti ma topponix it-talba maghmula mir-rikorrent zewgha ghal hall taz-zwieg taghhom u taqbel illi jikkonkorru l-elementi mahsuba fid-disposizzjoniiet tal-Artikolu 66B kif korrettament senjalat mir-rikorrent fit-talba promotur tieghu;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet taghha tat-2 t'April 2024;

Rat ir-risposta tal-intimata;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-16 ta' Gunju 2022;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res*

*judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.